# Restawr ta' Statwi u Niċeċ fl-Akwati tal-Bażilka tal-Madonna tal-Karmelu fil-Belt Valletta

**Denis A. Darmanin**

*"Is-sidien tad-djar li jinsabu fuq il-kantunieri tal-art għandhom jimpenjaw ruħhom li jwaqqfu xi forma ta' fattur dekorattiv permanenti f'dawn il-kantunieri. Li jonqsu milli jikkonformaw magħhom u jinvolvi t-twaqqigħ tad-dar b'detriment tas-sid" (Liber Conciliorum MS 92 f. 133)*

L-introduzzjoni ta' statwi u niċeċ tal-ibliet u l-irħula tagħna taf l-oriġini tagħha mill-Belt Valletta. Matul il-kostruzzjoni ta' din il-belt ġdida, l-Ordni ta' San Ġwann kienet waqqfet uffiċċju magħruf bħala l-*Officio delle Case* li impona regolamenti rigorużi ta' ppjanar u disinn li kellhom jiġu segwiti mis-sidien tal-propjetà fil-Belt Valletta.

Waħda minn dawn ir-regolamenti imponiet il-ħtieġa fuq sidien ta' artijiet li fil-kantunieri tal-binjiet tagħhom, joħolqu xi forma ta' elementi arkitettoniċi dekorattivi, bħal pilastri ġganti sempliċi jew artikolati, stemmi jew armi eraldici u xbiegħat reliġjużi. Dan ir-regolament kellu l-għan li jtejjeb l-estetika tal-Belt Valletta. Sal-lum x'uħud mill-binjiet oriġinali għadhom wieqfa bil-pilastri fil-kantunieri li żiedu ħafna l-effett arkitettoniku ġenerali. Għalkemm ftit intilfu matul it-tieni gwerra dinjija, il-biċċa l-kbira għadhom magħna llum. Raġuni oħra kienet li peress li t-toroq kienu pjuttost mudlama bil-lejl, id-devoti kienu jixgħelu lampi taż-żejt quddiem dawn l-istatwi u jagħtu ftit dawl minn dawn il-kantunieri.

Minn ġewwa l-Belt Valletta din il-prattika ddaħħlet ukoll fi bliet u rħula oħra, u għalkemm numru ta' binjiet reġgħu nbnew matul is-snin, l-aktar fl-aħħar tas-seklu 19 u kmieni fis-seklu 20, baqgħat b'saħħitha ħafna. Ħafna minnhom huma statwi reliġjużi fuq pedestall barokk u ornat, wieqfa fuq il-kantuniera. Fejn it-toroq kienu dojoq jew ma setgħux jitpoġġew statwi fil-kantuniera, ġew introdotti niċeċ tal-injam, li għandhom pittura sagra inkwadrata jew stampata mqiegħda wara ħġieġa.

Fil-parti ta' Marsamxett fil-viċinanza tal-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu, hemm numru sabiħ ta' dawn l-istatwi u n-niċeċ. Xi wħud huma statwi li jistrieħu fuq mensola jew fuq pedestall mal-kantuniera tal-bini, filwaqt li oħrajn huma niċeċ tal-injam bi gwarniċi dekorattivi. Ħafna minnhom huma ddedikati lill-Madonna taħt it-titlu ta' Monte Carmelo.



L-Istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li tinsab fi Triq it-Teatru ma' Triq Zekka

Minħabba t-temp, il-fattibilità tal-materjal innifsu u l-mogħdija taż-żmien, kif ukoll li ġew miżbugħa regolarment imma sfortunatament mhux dejjem professjonalment, dawn l-istatwi u niċeċ kellhom bżonn xi forma ta' trattament ta' konservazzjoni u restawr. Madankollu, kull intervent ma setax jitwettaq mingħajr riċerka professjonali biex jiġi ddeterminat id-disinn u kulur oriġinali tagħhom qabel kull intervent modern.

Ix-xogħol fuq dawn il-karatteristiċi artistiċi jirrikjeda riċerka minn qabel u investigazzjonijiet minn konservaturi kwalifikati peress li prattika

reċenti wriet li l-kuluri oriġinali jistgħu għadhom jeżistu taħt is-saffi eżistenti taż-żebgħa. Kien hemm każijiet fejn il-kuluri oriġinali ta' ċerti niċeċ kienu għadhom esposti imma ħafna mill-istatwi tal-ġebel kellhom passati numerużi ta' żebgħa differenti jew iż-żebgħa mibruxa kompletament sal-ġebla. L-injam u elementi dekorattivi tal-metall li għandhom miżbugħin kienu wkoll jeħtieġu interventi speċifiċi u speċjalizzati.

Din it-tip ta' riċerka u restawr hu proċess li jiswa l-flus u li ma jistax jiġi eżegwit sew minn xi individwu jew organizzazzjoni reliġjuża. Kien hawn li l-gvern ċentrali ta' Malta intervjeniena permezz tal-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir (*Grand Harbour Regeneration Corporation*), biex jinstabu fondi biex dawn il-monumenti prezzjużi jiġu rrestawrati. Il-finanzjament inkiseb permezz tal-*Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u tà Investiment Ewropej 2014-2020*, li huwa parzjalment iffinanzjat mill-*Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.*

L-offerta għar-restawr ta' erbatax-il statwa u niċeċ bħala parti mir-Riġenerazzjoni taż-Żona ta' Isfel tal-Belt Valletta, intrebħet minn kuntrattur lokali u x-xogħol fuq l-ewwel statwi beda f'Mejju tal-2019.

Fost dawn, hemm erba' statwi tal-ġebel u tliet niċeċ li jinsabu fil-viċinanza tal-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu. L-erba' statwi huma kollha fuq kantunieri differenti fi Triq it-Teatru l-Qadim. L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu tinsab fil-kantuniera tal-knisja ma' Triq iż-Żekka u tispikka għax tikkonsisti minn baldakkin minqux u pedestall li juri l-emblema tal-Ordni Karmelitan skolpita fil-ġebla tal-franka. L-istatwa hija attribwita lil Salvu Dimech fl-1855 u qabel kienet fl-istess kantuniera tal-ewwel knisja ddedikat lill-Madonna tal-Lunzjata, mibnija minn Glormu Cassar fl-1572 u kompluta fl-1608. Din l-istruttura kienet ħadet post waħda preċedenti li issa tinsab ġewwa l-kunvent. Għalkemm saru diversi testijiet biex jistabbilixxu l-kulur oriġinali tal-istatwa, dejjem irriżulta li s-saff ta' żebgħa l-aktar fond kien abjad.

Fuq il-kantuniera opposta tispikka l-istatwa majestuża ta' Sant'Elija, il-qaddis patrun tal-Komunità Karmelitana ta' Malta. Fuq il-pedestall dekorattiv eżatt taħt l-istatwa hemm cartouche b'estratt bibliku u d-data 1823, filwaqt li aktar l-isfel hemm plakka tal-irħam mil-Isqof Mons. Pietro Pace ddatata 1890. Għalkemm ilu miżbugħ abjad għal għexieren ta' snin, wara l-proċess ta' restawr u konservazzjoni, l-istatwa ġiet miżbugħa bil-kuluri oriġinali bħal dawk mikxufa taħt il-passati taż-żebgħa li ngħatat matul is-snin.

Probabbilment l-eqdem statwa minn dawn l-erbgħa hija dik ta' San Ġużepp iħaddan lit-tarbija Ġesù, li ġiet ikkummissjonata mill-Fratellanza ta' San Ġużepp fil-bidu tas-seklu 17. Hi skolpita fil-ġebla Maltija, mingħajr kwalunkwe kulur u tinsab fuq pedestall imżejjen fil-kantuniera ma' Triq il-Punent. Skont plakka tal-ġebel fil-viċin mal-ħajt tal-Kunvent tal-Karmelitani u li hi mittiekla ħafna, l-istatwa ġiet imbierka mill-Isqof Alpheran de Bussan (1728-1757). Plakka oħra mal-pedestall tiddikjara li fl-1921, Mons. Mauro Caruana ta indulġenzi lil dawk li jitolbu quddiem din l-istatwa. Kemm l-istatwa kif ukoll il-pedestall ġew restawrati kif suppost u l-pedestall biss ġie miżbugħ, peress li l-istatwa kienet tal-ġebla mhux miżbugħa.

Ir-raba' statwa tinsab fl-istess triq iżda djagonalment faċċata dik ta' San Ġużepp, waħedha fuq mensola fil-kantuniera tal-bini ta' *St. Paul's Modern Building*, li nbena fl-1908. L-oriġini u t-titlu ta' din l-istatwa mhumiex ċert. Huwa maħsub li l-istatwa oriġinarjament kienet fl-istess kantuniera ma' *Palazzo Britto*, il-binja li oriġinaljament inbniet fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann u li matul is-seklu 19 kien serva bħala l-*Beverly Hotel*. Huwa wkoll possibbli li l-istatwa jista' jkollha xi konnessjoni mal-Berġa ta' Alamagne, li ġiet imwaqqa' madwar l-1840, u li minflokha nbena l-Pro-Katidral Anglikan ta' San Pawl. Jista' jkun il-każ li oriġinarjament din l-istatwa kienet tirrappreżenta lill-Madonna taċ-Ċintura, li hija meqjuma fil-knisja Agostinjana fil-viċin. F'xi żmien, kuruni tal-metall tqiegħdu fuq l-irjus tal-Verġni Marija u tat-tarbija Ġesù, waqt li


L-istatwa ta' Sant'Elija wara r-restawr

fjuri kienu tpoġġew f'waħda minn idejhom. B'hekk l-istatwa saret tissimbolizza l-purità u tixbah lill-Madonna tal-Ġilju. Madankollu, ħafna nies anzjani mil-lokal kienu jafu din l-istatwa bħala Maria Regina u kien deċiż li aħjar li jinżamm dan it-titlu. Għalkemm matul is-snin l-istatwa kienet miżbugħa bajda, testijiet polikromiċi wrew traċċi ta' lwien differenti ta' żebgħa kannella, li setgħu jattribwixxu li oriġinarjament, l-istatwa kienet miżbugħa bil-kuluri tal-Karmelitani, kannella ċar u skur. Għalldaqstant, din l-istatwa reġgħat ġiet misbugħa b'dawn il-kuluri.

Kif semmejt qabel, hemm tliet niċeċ fil-viċinanza tal-bażilika. L-eqreb tikkonsisti fi stampa inkwadrata bil-ħġieġ li turi lill-Madonna tal-Karmnu, mqiegħda fi gwarniċ jew niċċa ikbar u dekorattiva, maħduma fl-injam u mwaħħla mal-faċċata ta' bini fi Triq Żekka qrib il-kantuniera ta' Triq l-Arċisqof. Għalkemm imżejna arkitettonikament u miżbugħa b'kulur blu b'xi tirqim kannella, in-niċċa ilha esposta għal-elementi u l-umdità u kienu meħtieġa tiswijiet urġenti. Tneħħiet u ttieħed fil-ħanut tal-kuntrattur, iżżarmat, tqaxritilha ħafna miż-żebgħa u sar analiżi xieraq tas-saffi taż-żebgħa sottostanti sabiex jiġi evalwat jekk iż-żebgħa oriġinali għadhiex teżisti. Ħafna mill-injam instab li kien immermer u kellu bżonn jinbidel u ntuża l-injam tal-aħmar. Ladarba l-istampa tal-inkwadru ġiet imnaddfa, in-niċċa kollha ġiet miżbugħa mill-ġdid b'mod leali tal-kuluri oriġinali tagħha u mqiegħda lura fil-lok oriġinali ta' fejn kienet. Il-parti tal-ħajt ta' madwar in-niċċa ġie wkoll imnaddaf, imkaħħal u miżbugħ.

It-tieni hija niċċa speċi ta' kaxxa tal-injam u metall dekorattivi imwaħħla mal-faċċata ta' bini fi Triq tal-Karmnu, li fuq ġewwa għandha stampa inkwadrata tal-Madonna tal-Karmnu. Il-parti tal-injam tan-niċċa għandha dekorazzjoni arkitettonika sempliċi u miżbugħa blu. Hemm ukoll żona madwar in-niċċa fejn il-ħajt kien ukoll mogħti b'kulur blu. Bħal ta' qabel, din in-niċċa tneħħiet u ttieħdet fil-ħanut tal-kuntrattur fejn kien possibbli li jsir restawr xieraq. Ħafna mill-partijiet tal-injam iddeterjoraw u tneħħew u ġew sostitwiti b'injam tal-aħmar. Il-parti tal-metall ukoll ġiet imnaddfa, trattata u miżbugħa mill-ġdid, filwaqt li ngħatat attenzjoni simili għall-inkwatru. In-niċċa kollha ġiet miżbugħa mill-ġdid bil-kulur blu bħal ma kienet u l-ħajt ta' madwara ġie mnaddaf, imkaħħal u miżbugħ b'żebgħa tal-ilma lewn il-ġebla.

It-tielet niċċa hija ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu, u tinsab fil-kantuniera ta' Triq Santa Luċija ma' Triq il-Punent, eżatt taħt statwa ddedikata lil San Korradu. Din in-niċċa tikkonsisti fi statwa



L-istatwa ta' San Ġużepp wara r-restawr

żgħira tal-Madonna tal-Karmnu mqiegħda f'niċċa mħaffra fil-ħajt u mdawra bi gwarniċ, li kellha bieba b'qafas tal-aluminju u mistrieħha fuq xkaffa tal-ġebel. Bħala parti mill-proċess ta' restawr, it-tieqa tal-aluminju tneħħiet u wara' li n-niċċa u l-istatwa ġew restawrati u miżbugħa, ħġieġa opak ġiet mwaħħal mal-bokka tan-niċċa, u dan agħmilha aktar xierqa, protetta u li tagħti viżibilità aktar ċara. L-istatwa ta' San Korradu ma kinitx inkluża peress li kienet ġiet restawrata fis-snin ta' qabel.

Biex nikkonkludi, dawn ma kinux l-uniċi statwarji u niċeċ f'din il-parti tal-Belt, iżda kien hemm seba' oħra li ġew restawrati taħt din l-iskema mill-GHRC. Il-lokalitajiet tagħhom varjaw u jinsabu fi Triq l-Ajkla, fi Triq San Duminku, Triq San Ġużepp, Triq iż-Żekka, il-Fossa u saħansitra jinkludu r-rilokazzjoni tal-istatwa miksura u tant ddeterjorata tal-Madonna tar-Ružarju, li wara xogħol ta' tiswija estensiv fuqha u fuq il-pedestall, ngiebet lura għal post oriġinali tagħha. Dawn l-istatwi u n-niċeċ kollha ġew restawrati professjonalment u huma ġojjell fil-kuruna tal-belt kapitali tagħna.

**Ħajr:**
*Grand Harbour Regeneration Project.*
Perit Ruben Abela.

Referenzi:
*Niċeċ u Statwi fil-Belt Valletta*, Victor Scerri, 1998, Kunsil Lokali Valletta.
*Valletta, Statues, Niches, Small Churches, Public Fountains, Public Clocks, Monuments & Marble Tablets*, Michael Galea, 2011, Allied Publications.
*A City by an Order*, De Giorgio, Roger, 1986, Progress Press Co. Ltd.
*A taste of Maltese Folklore, Traditions and Heritage.* Camilleri. J. C. 2015, BDL Publishing.
*Encounters with Valletta – A Baroque City through the Ages*, edited by Giovanni Bonello, Petra Caruana Dingli and Denis de Lucca, 2018, International Institute for Baroque Studies at the University of Malta.
*Valletta: Malta Hospitaller City and other essays*, Victor Mallia-Milanes, 2019, MidSea Books.
*Arkivju tal Grand Harbour Regeneration Project.*